# Address given by Edward Fenech Adami (Valletta, 24 January 2003)

**Source:** Video Clip 20/03 - The cost and benefits of Malta's Negotiated Package with the EU Seminar organised by the Chamber of Commerce / Edward Fenech Adami.- Valletta: 24.01.2003. Department of Information - Government of Malta, Valletta. - VIDEO (00:16:18, Colour, Original Sound Track). Department of Information - Government of Malta, 3, Castille Place, Valletta - Malta.

**Copyright:** Transcription CVCE.EU by UNI.LU
All rights of reproduction, of public communication, of adaptation, of distribution or of dissemination via Internet, internal network or any other means are strictly reserved in all countries.
Consult the legal notice and the terms and conditions of use regarding this site.

**URL:**
http://www.cvce.eu/obj/address_given_by_edward_fenech_adami_valletta_24_january_2003-mt-a9fffa19-fd88-4883-bc34-d7260197943c.html

**Last updated:** 08/08/2016

## Address given by Edward Fenech Adami (Valletta, 24 January 2003)

[Edward Fenech Adami] Sur President, Sinjuri,

Nirringrazzja lilek Sur President u lill-Kumitat tal-Kamra talli stedintuni hawn illejla u nirringrazzjakom ukoll talli organizzajtu dan is-seminar għaliex bih tajtu prova li intom tirrejalizzaw dan il-mument, li kulħadd isejjaħlu storiku, li minnu għaddej pajjiżna.

Jiena, Sur President, nissottoskrivi kompletament l-appell tieħek illi dan l-avveniment li qiegħed quddiemna jiġi ttrattat mhux mil-lenti tal-politika partiġġjana li ultimament tfisser kemm wieħed iġib voti fl-elezzjonijiet li jsiru skond il-kostituzzjoni tagħna u jiġi elett fuq programm. Imma dan il-mument nafu li qed insejħulu storiku għaliex bih sejrin niddisinjaw il-futur ta' pajjiżna għall-ġenerazzjoniet illi ġejjin. Jiena kont minn ta' l-ewwel illi, bħala kap tal-partit tiegħi, għidt li l-partit jista' jieħu pożizzjoni li jogħod lura u f'Malta jinħoloq verament moviment nazzjonali li jeżamina din is-sitwazzjoni bl-aktar mod oġġettiv u fl-aħjar interess tal-poplu tagħna. Sfortunatament nafu li l-kwistjoni kollha ġiet ittrattata, u qiegħda tiġi ttrattata, b'mod partiġġjan. Ma jfissirx b'danakollu li m'għandniex nagħmlu kull tentattiv, kif effettivament qed isir, biex nippreżentaw il-kwistjoni bl-aktar mod oġġettiv.

Mument storiku għalina u għall-Ewropa, u jiena ngħid għad-dinja wkoll. Il-mument fejn, kif intqal fil-konklużjonijiet tas-*summit* ta' Copenhagen, qiegħda ssir *one Europe*. *One Europe* ma tfissirx Ewropa ġeografika li ilha identifikata bħala l-Ewropa; imma tfisser *one Europe* l-għaqda tal-pajjiżi Ewropej flimkien li għandhom għanijiet komuni, li kulħadd jaf huma l-ewwelnett illi jassiguraw flimkien il-paċi, it-tieni illi jassiguraw li l-popli tagħhom kollha jimxu 'l quddiem, illi dawn il-popli jimxu 'l quddiem billi japplikaw il-prinċipji sħaħ tad-demokrazija, billi japplikaw ukoll bħala teorija ekonomika — u mhux biss teorija imma prattika ekonomika — r-regoli tas-suq ħieles u illi jimxu bejniethom bi spritu ta' solidarjetà u b'rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà. Dana kollu jfisser illi dawn il-pajjiżi ngħaqdu, qed jingħaqdu flimkien biex jilħqu dawn l-iskopijiet li ċertament ma naħsibx li hawn min jista' jiddistakka ruħu minnhom bħala objettivi li fihom infushom huma tajbin.

Jgħoddu għalina? Jiena m'hemmx dubju illi bħala prinċipji żgur jgħoddu għalina. Però aħna, u issa qed nitkellem fuq il-gvern immexxi minni, tlabna mandat lill-poplu tagħna biex ninnegozzjaw dawk il-kondizzjonijiet xierqa biex Malta tkun tista' tissieħeb fl-Unjoni Ewropea. U b'sodisfazzjon kbir ikkonkludejna dawn in-negozzjati li kienu jfissru li minbarra illi aħna niddikjaraw li naqblu ma' l-objettivi li għalihom teżisti l-Unjoni Ewropea, naraw kif ir-regoli ta' l-Unjoni Ewropea japplikaw għal pajjiżna, u fejn jistgħu joħolqu diffikultajiet, b'mod partikolari għall-attività ekonomika f'pajjiżna, ninnegozjaw il-kondizzjonijiet xierqa. Jiena lill-poplu Malti qed nirrakomandalu — kif jidher li l-maġġoranza kbira tagħkom membri tal-Kamra tal-Kummerċ taqblu — li dawk il-kondizzjonijiet li innegozzjajna huma tabilħaqq kondizzjoniet xierqa biex Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea. Aħna qgħadna attenti illi naffrontaw fin-negozzjati problemi li bla dubju huma reali — u kellna ninnegozzjawhom u nsibu soluzzjoni aċċettabbli — u anki problemi li huma perċepiti *perceived* bħala tali għalkemm fir-realtà aktarx li mhumiex hekk. Jiena smajt qabel ma ġejt hawn parti mid-diskors kollu tal-Kummissarju Verheugen u qal kif in-negozzjati ġew kondotti mill-Gvern Malti u kif intlaħqu propju s-soluzzjonijiet, il-kondizzjonijiet xierqa biex għal dawn il-problemi kellna risposti. Jiena ma naħsibx illi hemm bżonn illi magħkom noqgħod nerġa' jien ukoll insemmi d-dettalji ta' dawk in-negozzjati. Però issa wasalna għall-punt tal-verità. Inutli noqogħdu nbeżżgħu lill-ħaddiema tagħna u nsejħulhom iż-żgħar u s-*self employed* iż-żgħar … Il-poplu Malti … Jekk wieħed jibda jeżamina kategoriji; jekk per eżempju wieħed jeżamina, bla dubju ta' xejn, is-sinsla ewlenija ta' l-ekonomija tagħna — l-industrija tal-manifattura li tesporta — m'hemmx dubju, ma nistax nifhem kif ikun hawn xi ekonomista jew xi anke xi intraprenditur li ma jirrejalizzax illi Malta bħala membru fl-Unjoni Ewropea ser toffri iktar possibiltajiet, iktar aċċess, iktar … dak kollu li hemm meħtieġ biex dik l-industrija tmur aħjar.

Naturalment nistgħu nivvintaw kimera u ngħidu li kompetizzjoni tfisser *downsizing*. Veru li l-kompetizzjoni tista' tfisser *downsizing*. Imma l-kelma li hi korrenti llum kullimkien hija l-kelma globalizzazzjoni, kompetittività u ebda industrija li mhix kapaċi tikkompeti — u tikkompeti fil-kwalità tal-prodott, fl-effiċjenza, bin-nies tagħha li huma ppreparati, il-ħaddiema tagħha li huma ppreparati — naturalment minn barra jew ġewwa l-Unjoni Ewropea, jekk mhix kapaċi tagħmel dan, l-industrija tfalli. U m'hemmx dubju li

Malta fl-Unjoni Ewropea sejra toffri possibiltajiet li jistgħu jkunu biss aħjar għall-industriji li tabilħaqq jistħoqqilhom illi jkomplu jaħdmu, jikbru, jagħtu dawk il-kondizzjoniet xierqa lill-ħaddiema tagħhom.

Huwa verament stramb illi fid-dinja tal-lum issib min jgħidlek li għandna bżonn nerġgħu ndaħħlu xi forma ta' protezzjoni, xi *levies* għax inkella hawn Malta ikollna min mhux kapaċi jikkompeti. Jiena naħseb huwa żmien ta' realiżmu kbir — ta' *realpolitik*. Ma nistgħux noqogħdu noħolmu, naħsbu. Jiena nilqa' l-messaġġ tal-President illi ma nippolitiċiżżawx lanqas din il-laqgħa. Però rridu bilfors insemmu illi hawn illum fatti konkreti, li huma l-kondizzjoniet li nnegozzjajna għal sħubija illi ttrattajna fihom, nerġa' ngħid, id-diffikultajiet kollha li ġew ppreżentati lilna … Għax irrid ngħid u nfaħħar illi n-negozzjati ma sarux biss mill-Gvern Malti. Naturalment il-Gvern Malti kellu d-dmir u seta' jinnegozzja, però saru billi ħloqna organiżmi fil-pajjiż li fihom ipparteċipaw kull min kien interessat. L-offerta kienet għal kulħadd u jien minn hawn irrid nirringrazzja lil dawk il-membri kollha tad-diversi għaqdiet, inkluża l-Kamra tal-Kummerċ, li tul dawn l-aħħar snin ipparteċipaw fil-laqgħat tal-MEUSEC fejn ġew eżaminati minuzzjożament id-diffikultajiet li jista' jqanqal kull kapitolu li ddiskutejna ta' l-Unjoni Ewropea. U ddiskutejna u wasalna x'jistgħu jkunu r-rimedji adattati għalina. Jiġifieri li noqogħdu noħolmu naħseb huwa kontra r-realtà.

Jiena erġajt smajt, kif smajt fil-Parlament, lil sieħbi fl-oppożizzjoni — aħna lkoll membri Parlamentari nirrapreżentaw il-poplu tagħna — jerġa' jgħid "Isma' l-kelma *partnership* m'hix xi ħaġa differenti minn dak li qabel kien jissejjaħ il-kunċett ta' Svizzera fil-Mediterran". U jiena nixtieq nisma' idejat ġodda ta' dan x'ifisser, għax x'kien ifisser dak il-kunċett kellna esperjenza konkreta tiegħu. Meta kien hemm il-gvern preċedenti għall-gvern tiegħi, saru diskussjonijiet fi Brussel u b'mod partikolari l-konkluzzjoni tad-diskussjoniet li kienu saru u li ġew inkluża f'*Joint Declaration of Future Relations between the Parties* tat-28 t'April 1998. Min ikollu l-paċenzja jerġa' jaqra dak id-dokument, jerġa' jaqra wkoll id-diskors li kien għamel il-President tal-Kunsill tal-Ministri ta' l-Ewropa ta' dak iż-żmien li kien Robin Cook, malajr jifhem illi dik l-*option* ta' Svizzera fil-Mediterran kienet tfisser *enhancement* tat-Trattat t'Assoċjazzjoni illi Malta kellha tul dawn l-aħħar 32 sena. Hemm miktub ċar illi l-ewwel ħaġa li kellu jagħmel il-Gvern Malti kienet li jonora dak il-ftehim. Naturalment bil-konsegwenzi kollha tiegħu li kienu, fost oħrajn, illi Malta kellha tgħaddi għal unjoni doganali fi żmien prefiss, ħaġa li ebda gvern Malti m'għamel qabel, ħlief meta aħna lesti biex issa nissieħbu fl-Unjoni Ewropea. Jiena naħseb ma nkunux qed nagħmlu servizz lill-pajjiżna, ħadd minna — negozzjanti, intraprendituri, politiċi — illi nenfasizzaw li jista' jkun hemm biss perikli għall-ħaddiema li b'mod daqsxejn *patronising* insejħulhom il-ħaddiema ż-żgħar. L-esperjenza ta' l-Unjoni Ewropea hija waħda fejn dawk li jissejħu s-*small and medium-sized enterprises*, dawk huma propju li huma l-aktar aġevolati fl-Unjoni Ewropea u l-futur tagħhom ukoll ikun aħjar fl-Unjoni Ewropea.

Naturalment hemm diversi aspetti li wieħed għandu jħares lejhom: Malta, il-vuċi ta' Malta, il-kontribuzzjoni ta' Malta lill-Unjoni Ewropea. Ma nistgħax nifhem kif wieħed jista' jargumenta illi Malta tista' tikkontribwixxi aktar lill-Unjoni Ewropea jekk tibqa' barra milli tibqa' ġewwa. Aħna nsostnu — jiena, il-partit tiegħi — il-Gvern isostni illi l-vuċi ta' Malta għandha tkun vuċi attiva; aħna rridu nkunu membri attivi ta' l-Unjoni Ewropea u f'dawn iż-żminijiet, *in this day and age*, huwa evidenti għalija illi l-vuċi ta' Malta tista' tkun vuċi soda li tinstema' jekk tkun propju fl-Unjoni Ewropea.

Jiena naħseb meta qegħdin lejliet it-tħabbira — kulħadd isaqsi lili — tad-data tar-referendum li kulħadd jaf jiena ntrabatt illi r-referendum ser isir f'Marzu, jiġifieri l-ġimgħa d-dieħla tiġi mħabbra d-data tar-referendum … Dan huwa mument tal-verità. Mument illi naraw ir-realtà ta' madwarna … L-Unjoni Ewropea: forza politika importanti ħafna, partikolarment f'dan il-mument, mument illi żgur qed iħassibna lkoll, mument erġajna bit-theddid ta' gwerra li tista' ġġib konsegwenzi negattivi enormi għal kulħadd inkluż għalina hawn Malta. U jiena wieħed minn dawk illi nemmen, u nemmen b'qawwa, li l-Unjoni Ewropea li issa hija unjoni politika, m'għadhiex biss Għaqda Ekonomika Ewropea. Din l-Unjoni hemm bżonn tibqa' tissaħħaħ, u ssir vuċi qawwija u jiena rrid li Malta jkollha vuċi f'din l-Ewropa illi ssawret u ser tkompli tissawwar.

Għandek id-dimensjoni soċjali. L-Unjoni Ewropea vera għandha ħafna regoli. Però m'għandniex noqogħdu nibżgħu u ngħidu dawk regoli magħmulin għall-pajjiżi li huma membri u mhux ser jgħoddu għalina. Min minnha ser jgħid illi r-regoli ta' l-ambjent ta' l- Unjoni Ewropea mhumiex regoli riġidi, qawwija? Veru li hu hekk. Però aħna rridu li l-poplu tagħna ma jkollux dawk ir-regoli dwar l-ambjent li huma fl-interess tal-

popli? Jekk però aħna ngħidu: isma’, aħna rridu l-liberalizzazzjoni, il-kompetizzjoni bil-konsegwenzi tagħha — aħna ngħidu dak ma rriduhx għall-poplu tagħna, aħna ma rridux li l-livelli ta’ l-għixien tagħna jkunu effettivament, bħala mira almenu, daqs dawk tal-kumplament tal-popli fl-Ewropa?

U naħseb dawn huma d-domandi fundamentali li jiena ċert li l-poplu Malti qiegħed japprezza li għandu quddiemu, u r-risposta għalihom trid tkun r-risposta ta’ iva fir-referendum li ġej, jiġifieri għażla li ngħidu li rridu li aħna, li l-ekonomija tagħna jkollha l-aħjar opportunitajiet biex tkompli tikber u dan billi nkunu membri ta’ l-Unjoni Ewropea. Aħna rridu vuċi għal Malta li tinstema’ u dan nilħquh meta nkunu parti mill-Unjoni Ewropea. Aħna rridu l-livell t’għixien tagħna jibqa’ jogħla u jkun komparabbli ma’ dak tal-kumplament ta’ l-Ewropa u dan jiġri ħafna aħjar u iktar malajr jekk Malta tkun membru ta’ l-Unjoni Ewropea. U żgur li rridu nagħtu każ ta’ dawk li huma l-anqas, nista’ ngħid, jew l-aktar li għandhom bżonn l-attenzjoni tal-gvernijiet tal-ġurnata. Dak ukoll, l-Unjoni Ewropea nafu illi tagħti każu, u tagħti każu bil-kbir, partikolarment fil-qasam tal-ħaddiema, għaliex l-Unjoni Ewropea tipprovdi regoli biex ma jkunx hemm sfruttament tal-ħaddiema. U dan f’Malta diġà qed inħossu l-effett tiegħu billi riċentament diġà addotajna dawk ir-regoli ta’ l-Unjoni Ewropea li jiena żgur li huma ta’ fejda kbira għall-ħaddiema tagħna. Hemm bżonn li fil-ftit ġimgħat li baqa’ nitkellmu ċar, ma nħawdux l-imħuħ, inħallu ‘l kulħadd fil-libertà demokratika li jagħżel jmur jivvota iva jew le wara li jkun verament ħaseb, qies, u naturalment jiddeċiedi.

Grazzi


www.cvce.eu